# IT-TIENI PARTI
# L-EWWEL SEZZJONI
# APPELLI ĊIVILI

**13 ta' Jannar, 1988**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Lucrezia *sive* Grace armla ta' Amadeo Lorenzo Muscat

*versus*

Avukat Dr. Henry Antoncich *et noe*

**Eredità – Diviżjoni**

*Talba għad-diviżjoni ta' xi assi ereditarji għandha tkun preċeduta b' waħda għalbiex jiġi l-ewwelnett stabbilit f'hix jikkonsisti l-assi u oħra għal-likwidazzjoni ta' l-istess.*

Il-Qorti: –

Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attriċi li biha premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni; peress illi l-attriċi hija armla tal-mejjet Amadeo Lorenzo Muscat li kien miżżewweġ darbtejn: mill-ewwel żwieġ (dak ma' Mary Gribben) huwa kelli lil Joan Mifsud, konvenuta, imsiefra; fil-

waqt li mit-tieni żwieġ tiegħu (dak ma' l-istanti) huwa kellu lil Marie mart Joseph Scicluna u Anthony Muscat. L-imsemmi Amadeo Lorenzo Muscat miet fl-4 ta' Awissu, 1974;

Peress illi b'testment addizzjonali tat-3 ta' April, 1970, atti Nutar John Spiteri Maempel il-mejjet żewġha ħalla lill-attriċi b'titolu għal tul ħajjitha l-użufrutt tal-ġeneralità tal-beni tiegħu;

Peressi illi l-komunjoni ta' l-akkwisti ġà eżistenti bejn l-attriċi u l-mejjet żewġha ġiet xjolta bil-mewt ta' l-imsemmi żewġha fl-4 ta' Awissu, 1974;

u peress illi l-attriċi applikat lill-*Postmaster General* biex tiżbanka l-*Bond Holding* numru B908779 ġà A907989 li hemm f'isimha stess, ammontanti għal tlett elef u mitt lira Sterlina (£Stg.3,100) kif ukoll sehemha mill-*Bond Holding* numru K921215 ġà A907982 li hemm f'isem il-mejjet żewġa bħala proprjetarja ta' nofs indiviż tal-komunjoni ta' l-akkwisti ġà eżistenti bejnha u l-mejjet żewġha, liema *Bond Holding* jammonta b'kollox għas-somma ta' tlett elef lira Sterlina (£Stg.3,000);

Peress illi din it-talba ġiet miċħuda mill-Avukat tar-Repubblika Anzjan għar-raġuni illi "l-partijiet kollha li għandhom xi interess f'dawn il-flus iridu l-ewwel jagħtu l-kunsens tagħhom bil-miktub qabel ma jsiru aktar żbanek", skond ittra tat-12 ta' Jannar, 1981;

Peress illi ulied l-attriċi, Marie mart Joseph Scicluna u Anthony Muscat ġà taw il-kunsens tagħhom biex dan l-iżbank isir, iżda Joan Mifsud, bint il-mejjet żewġha mill-ewwel żwieġ, li tgħix Victoria, l-Awstralja, baqgħet ma tatx il-kunsens tagħha billi ma weġbitx għall-ebda waħda mill-ittri mibgħuta lilha, u

dan mingħajr raġuni valida fil-liġi;

Peress illi l-attriċi tinsab għaldaqstant f'sitwazzjoni li ma tistax tirrisolvi ruħha stante illi l-imsiefra Joan Mifsud qiegħda, mingħajr ebda raġuni, tonqos li tagħti l-kunsens tagħha għall-iżbank;

Talbet li din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti *nomine* jipprestaw il-kunsens tagħhom għall-iżbank favur l-attriċi tal-*Bond Holding* numru B908779 li hemm f'isem l-attriċi, ammontanti għal £Stg.3,100 kif ukoll għal sehemha mill-*Bond Holding* numru K921215 li hemm f'isem il-mejjet Amadeo Lorenzo Muscat, bħala proprjetarja ta' nofs indiviż tal-komunjoni ta' l-akkwisti ġà eżistenti bejnha u l-mejjet żewġha, liema *Bond Holdings* jammonta għas-somma ta' £Stg.3,000;

Bil-ispejjeż;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-imsiefra Joan Mifsud fejn eċċipew li (1) m'humiex edotti mill-fatti tal-kawża odjerna u jirriservaw li jagħtu l-eċċezzjonijiet tagħhom fi stadju ulterjuri;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ulterjuri ta' l-Avukat Dottor Henry Antoncich *et nomine* fejn eċċipew: (1) illi t-talbiet għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż stante li ċ-ċitazzjoni kif ifformulata tammonta għal diviżjoni parzjali mentri għandu jkun *hemm diviżjoni sħiħa*; (2) *Salvi eċċezzjonijiet oħra*;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti Ċivili Prim'Awla fit-30 ta' Lulju, 1985, li biha ddeċidiet il-kawża billi laqgħet it-talba attriċi fis-sens illi kkundannat lill-konvenuti

*nomine* li jipprestaw il-kunsens tagħhom għall-iżbank favur l-attriċi Lucrezia *sive* Grace, armla Muscat tal-*Bond Holding* numru B908779 kwantu għal nofs (½) l-ammont iddepożitat f'isimha, nofs (½) jiġifieri l-ammont ta' £Stg.3,100, kif ukoll is-sehem tagħha mill-*Bond Holding* numru K921215 li hemm f'isem il-mejjet Amadeo Lorenzo Muscat, bħala proprjetarja ta' nofs indiviż tal-komunjoni ta' l-akkwisti ġà eżistenti bejnha u bejn żewġha, liema *Bond Holding* jammonta għal £Stg.3,000. In vista ta' dak li ntqal l-ispejjeż għandhom jiġu sopportati kwantu għall-kwart (¼) mill-attriċi u r-rimanenti tliet kwarti (¾) mill-konvenuti kuraturi, u dan wara li rat u kkunsidrat dak li ġej u ċjoè;

Illi, qabel xejn, għandu jingħad li permezz tan-nota tagħha tat-22 ta' Frar, 1985 (a fol. 85), l-attriċi rriduċiet il-pretenzjoni tagħha għall-*Bond Holding* numru908779 fl-ammont ta' £Stg.3,100 għal sehemha mill-istess *Holding,* jiġifieri nofs l-istess *Holding;*

Il-kwistjoni hi dwar punt ta' natura legali billi skond il-konvenuti kuraturi deputati, l-attriċi ma tistax titlob diviżjoni parzjali tal-wirt u di fatti huma ċċitaw diversi deċiżjonijiet mogħtija mill-qrati nostrali in sostenn. L-attriċi wieġbet li hija talbet biss is-sehem tagħha bi dritt mill-komunjoni ta' l-akkwisti. L-attriċi sostniet illi hija mhux qiegħda taġixxi *qua* eredi imma qiegħda titlob biss dak li huwa diġà tagħha *ex lege*. Fil-fatt ma hemmx kontestazzjoni dwar dak illi issa qiegħda tippretendi bħala tagħha wara, jiġifieri, li l-pretensjoni ġiet ridotta;

Għandu jingħad li kif oriġinarjament impostata ċ-ċitazzjoni tagħha l-attriċi setgħet tagħti wieħed x'jifhem illi hija kienet qiegħda titlob diviżjoni parzjali u dan għas-sempliċi raġuni li

hija fit-talba oriġinali tagħha rreklamat u talbet żbank ta' akkont bankarju li tiegħu hija kellha biss dritt kwantu għan-nofs. F'dan is-sens kienu ġustifikati l-konvenuti *nomine* li jikkontestaw it-talba oriġinali. Ir-riduzzjoni tal-pretensjoni ġiet **wara** l-preżentata ta' din in-nota ta' osservazzjonijiet mill-konvenuti *nomine*. Jingħad għalhekk li proprjament aktar minn sempliċi riduzzjoni fil-pretensjoni tagħha, l-attriċi **mmodifikat** parti mit-talba tagħha – liema modifika però għandha biss tkun riflessa fuq il-kap ta' l-ispejjeż għaliex dak li huwa ta' l-attriċi għandha dritt għalih u għandha wkoll is-setgħa li titlob l-iżbank tiegħu;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-Avukat Dr. Henry Antoncich *et noe* ppreżentata fis-7 ta' Awissu, 1985;

Rat il-petizzjoni ta' l-appell ta' l-Avukat Dottor Henry Antoncich *et noe* ppreżentata fis-26 ta' Awissu, 1985, li biha talbu umilment li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata u tilqa' l-eċċezzjonijiet ta' l-esponenti appellanti *noe* billi tiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż taż-żewġt istanzi kontra l-istess attriċi appellata.

Rat ir-risposta ta' l-attur appellat ippreżentata fis-16 ta' Settembru, 1985;

Rat l-atti l-oħra kollha relattivi u opportuni;

Ittrattat l-appell;

Ikkunsidrat:

*Omissis;*

Illi l-konvenuti appellanti interponew appell minn din is-sentenza għall-quddiem dina l-Qorti;

L-ewwel aggravju imressaq mill-konvenuti appellanti jikkonsisti fil-fatt li bis-sentenza tagħha l-ewwel Qorti ġiet li awtorizzat li ssir diviżjoni parzjali ta' assi ereditarji u dan kontra kif dejjem ġie ritenut mill-Qrati tagħna u ċjoè li talba għad-diviżjoni ta' xi assi għandha dejjem tkun preċeduta b'waħda għalbiex jiġi l-ewwelnett stabbilit f'hix jikkonsisti l-assi u l-oħra għal-likwidazzjoni ta' l-istess. Fit-tieni lok il-konvenuti appellanti jsostnu li l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn l-attriċi appellata u Amadeo Lorenzo Muscat ma kinitx tikkonsisti biss fil-*Bond Holdings* imsemmija fiċ-ċitazzjoni iżda fi flus u proprjetà oħra anki immobbiljari. Fit-tielet lok l-imsemmi Amadeo Muscat qabel iż-żwieġ tiegħu ma' l-attriċi kien miżżewweġ mal-mejta Mary Gribben u minn dan iż-żwieġ kellhom tifla li hi l-konvenuta Joan Mifsud li hija l-unika eredi ta' Mary Gribben u li l-wirt tagħha baqa' jiġi amministrat minn missierha Amadeo Muscat sakemm miet;

Illi fil-qosor mill-provi jirriżulta li Amadeo Lorenzo Muscat qabel iż-żwieġ tiegħu ma' l-attriċi kien miżżewweġ mal-mejta Mary Gribben u l-konvenuta Joan Mifsud kienet l-unika tifla minn dak iż-żwieġ. Sussegwentement dan Amadeo Muscat wara l-mewt ta' martu żżewweġ ma' l-attriċi. Matul dan iż-żwieġ huwa għamel it-testmenti li jinsabu esebiti fil-proċess u b'dak tat-3 ta' April, 1970, huwa ħalla bħala legat tul ħajjitha lil martu l-użufrutt tal-ġeneralità tal-beni tiegħu kollha. Mill-provi prodotti ma jidhirx li kienet qatt saret likwidazzjoni u diviżjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti ta' l-ewwel żwieġ u jidher li wara l-mewt ta' Gribben kollox kien baqa' jiġi amministrat minn Amadeo Muscat. Lanqas wara l-mewt ta' l-istess Amadeo Muscat ma

saret il-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti tat-tieni żwieġ. Għal tali sitwazzjoni tapplika għalhekk il-preżunzjoni kkontemplata fl-artikolu 950 tal-Kodiċi Ċivili u ċjoè dak kollu illi, fil-ftuħ tas-suċċessjoni ta' persuna li tkun ħalliet tfal jew dixxendenti oħra minn żewġ żwiġijiet jew iżjed, jinsab fl-assi tagħha, jitqies, fl-interess tat-tfal jew dixxendenti taż-żwieġ ta' qabel, li kien jeżisti f'dak l-assi minn qabel ma sar iż-żwieġ ta' wara, meta ma jiġix ippruvat il-kuntrarju jew b'inventarju li jkun ġie magħmul qabel dan iż-żwieġ ta' wara bil-mod li jingħad fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 15), jew b'mezzi oħra'';

Illi fl-isfond ta' dak li ntqal aktar 'il fuq wieħed ma jistax jgħid jekk l-attriċi appellata għandhiex sehem mid-depożitu msemmi fiċ-Ċitazzjoni u jekk għandha, kemm hu, billi jinħtieġ li qabel xejn issir il-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejn l-attriċi u l-mejjet Amadeo Muscat. L-assenjazzjoni ta' sehem l-attriċi mill-istess tista' ssir biss jekk ikun il-każ wara l-likwidazzjoni. Fuq kollox mill-eżitu tal-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti jista' jiġi li jirriżulta li hemm passiv iżjed minn attiv f'liema każ l-attriċi ma jkollha l-ebda sehem fis-somma in kwistjoni, jew passiv tali li jnaqqas sehemha mis-somma fil-*''Bond Holding'' 'de quo'*. Għalhekk billi kollox jiddependi mil-likwidazzjoni kwindi ma tistax tiżola din il-partita mill-partiti l-oħra kollha formanti l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn l-attriċi u l-mejjet żewġha;

Għal dawn il-motivi din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċidi billi tilqa' l-appell tal-konvenuti *nomine* appellanti, tirrevoka s-sentenza appellata tat-30 ta' Lulju, 1985, u għalhekk tiċħad it-talbiet ta' l-attriċi appellata salvi d-drittijiet ta' l-attriċi eventwali fis-sens li jingħad fuq;

L-ispejjeż taż-żewġt istanzi għandhom jiġu sopportati mill-attriċi appellata.